12/04/19

**MaltaPost Joins Forces with 14 Corporations in Malta to to offer voluntary support for the National Corporate Social Responsibility Day**

Fourteen socially-responsible corporations in Malta joined forces to offer voluntary support for the 18th Corporate Social Responsibility (CSR) Day, which is held annually on the feast of St Joseph held on 19th March.

Sporting specially-designed T-shirts in a symbolic show of solidarity, hundreds of employees from AIS Group, Computime, Express Trailers, Farsons, Forestals, FTI Group, Gasan Group of Companies, GreenPak, HSBC Malta Foundation, MaltaPost, Multigas, Tipico, SEP Malta Holding, and St James Hospital participated in the activities at various localities in Malta and Gozo.

The companies carried out a range of works, from paintwork and clean-ups to gardening and cooking. This year's chosen causes were Birżebbuġa Primary School, Carers for Stray & Abandoned Felines (Cospicua), Ċentru Parrokkjali Sagra Familja (Cospicua), Monastery of Santa Margerita (Cospicua), Sannat Primary and Special Unit (Sannat), Noah's Ark Dog Sanctuary (Mellieħa), Villa Chelsea of Richmond Foundation (Birkirkara), St Joseph Home (Ħamrun), a home improvement project of Aġenzija Appoġġ (Valletta), a beach clean-up in cooperation with Nature Trust Malta (Pembroke), and on the premises of FTIA (Kalkara).

The participating companies and their representatives were invited at the official residence of the President of Malta H.E. Marie-Louise Coleiro Preca, who thanked the volunteers for their tangible support to the society.

MaltaPost is proud to have participated in the National CSR day, for the second time. This year its employees contributed in doing voluntary work at the Ċentru Parrokkjali Sagra Familja and the Monastery of Santa Margerita in Cospicua.

12/04/19

# MaltaPost tingħaqad ma' 14 -il Kumpanija f'Malta biex tagħmel xogħol volontarju għan-National Corporate Social Responsibility Day

Numru ta' Kumpaniji f'Malta inagħqdu biex jipparteċipaw fit-18-il edizzjoni tal-Corporate Social Responsibility (CSR) Day li ssir kull sena fil-festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu. Huma taw is-sehem tagħhom għal xogħol volontarju.

Mijiet ta' ħaddiema libsu flokk b'disinn għall-okkażjoni biex juru solidarjeta' u pparteċipaw f'attivitajiet f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kumpaniji li pparteċipaw kienu AIS Group, Computime, Express Trailers, Farsons, Forestals, FTI Group, Gasan Group of Companies, GreenPak, HSBC Malta Foundation, MaltaPost, Multigas, Tipico, SEP Malta Holding, u St James Hospital.

Il-ħaddiema ta' dawn il-Kumpaniji għamlu xogħlijiet li jvarjaw minn tindif u tibjid sa ġardinaġġ u tisjir. Din is-sena l-kawżi li ntgħażlu kienu l-iskola Primarja ta' Birżebbuġa, is-Santwarju tal-qtates ta' Bormla, Iċ-Ċentru Parrokkjali Sagra Familja ta' Bormla, il-Monasteru ta' Santa Margerita f'Bormla, l-iskola Primarja u special unit ta' Sannat, l-Arka ta' Noe fil-Mellieħa, Villa Chelsea ta' Richmond Foundation f'Birkirkara, Dar San Ġużepp Ħamrun, il-proġett ta' Home Improvement fl-Aġenzija Appoġġ fil-Belt Valletta, tindif ta' bajja b'koperazzjoni ma' Nature Trust Malta f'Pembroke u fil-bini tal-FTIA fil-Kalkara.

Il-Kumpaniji li pparteċipaw u r-rappreżentanti ġew mistiedna fir-residenza uffiċjali tal-President ta' Malta E.T. Marie-Louise Coleiro Preca li rringrazzjat lil voluntiera għas-sapport tagħhom għall-ġid tas-soċjeta'.

MaltaPost tinsab kburija li għat-tieni darba pparteċipat fin-National CSR day għal-kawża ġusta. Il-ħaddiema tal-MaltaPost ħadmu volontarjat fiċ-Ċentru Parrokkjali Sagra Familja u l-Monasteru Santa Margerita f'Bormla.